*Fond; Hsarat: Nuqqas ta' Tiswijiet; Danni;*
*Artikoli 1030 u 1032 tal-Kodici Civili*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 7**

**Rikors Numru 593/06TA**

**Mario Azzopardi (ID Nru 67541 M)u martu Maryanne sive Marlene Azzopardi (ID 818843M)**

**vs**

**Suzanne Sammut (ID 144272M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Atturi pprezentat fit-30 ta' Gunju 2006 u mahluf minn Mario Azzopardi fl-istess data li permezz tieghu talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-atturi huma s-sidien tal-appartament numru 3 formanti parti mill-blokk ta' appartamenti bl-isem "Des Fleurs Apartments", Dawret San Pawl, San Pawl il-Bahar inkluz sehem indiviz fi proprjeta` tal-partijiet komuni u cioe` entrata, entratura, indani, tromba tat-tarag, bi dritt tal-uzu

tal-bejt konsistenti fi twahhil ta’ tank tal-ilma u television aerial u dan in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Pierre Cassar tat-22 ta’ Settembru 1992 (Dok A).

2. Illi in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Ian Castaldi Paris tal-25 ta’ Frar 2004 (Dok B) il-konvenuta Suzanne Sammut xtrat l-arja sovrastanti l-appartament numru 6 fl-istess blokk u sovrastanti garaxx adjacenti.

3. Illi l-konvenuta zviluppat l-arja imsemmija u ikkostruwit appartament.

4. Illi b’rizultat tal-kostruzzjoni edilizja maghmula mill-konvenuta giet kagunata hsara kbira fil-fond tal-atturi. Rizultat tal-istess xogholijiet l-istabilita` tal-istruttura tal-fond tal-atturi giet kompromessa serjament.

5. Illi hemm riskju serju illi jekk ma jsirux ix-xogholijiet rimedjali necessarji sabiex terga’ tigi ripristinata l-istabilita` tal-istruttura tal-appartament tal-atturi, il-hsara ser tkompli tikber.

6. Illi l-konvenuta interpellata anke ufficjalment sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati lill-atturi kif ukoll sabiex taghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali necessarji sabiex ma tibqax issir hsara baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

i. Tiddikjara illi b’rizultat tal-kostruzzjoni u zvilupp fuq imsemmi maghmula mill-konvenuta, l-atturi sofrew danni ingenti fl-appartament taghhom numru 3 formanti parti mill-blokk ta’ appartamenti bl-isem “Des Fleurs Apartments”, Dawret San Pawl, San Pawl il-Bahar.

ii. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghal dawn id-danni.

iii. Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi.

iv. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

v. Tiddikjara illi b’rizultat tal-kostruzzjoni u zvilupp fuq imsemmi maghmula mill-konvenuta giet kompromessa l-istabilita` tal-istruttura tal-fond tal-atturi bil-konsegwenzjali dannu lill-atturi.

vi. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju taghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali kollha necessarji sabiex tirripristina l-istabilita` tal-fond tal-atturi u dan bl-opera u taht is-supervizjoni u direzzjoni ta’ periti nominandi.

vii. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu a spejjez tal-konvenuta l-istess xogholijiet b'dan illi l-konvenuta tigi kundannata thallas lill-atturi l-ispejjez relativi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2006, tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta prezentata fid-29 ta' Jannar 2007 u minnha mahlufa fl-istess data, li permezz taghha wiegbet u eccepiet is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimata ma ikkagunat l-ebda hsara lill-proprjeta` tar-rikorrenti b'rizultat tax-xoghljiet ediliziji maghmula minnha fl-arja proprjeta` taghha.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-pessimma ipotezi li tigi attribwita fi forma ta' responsabilita` lill-esponenti, ir-rikorrenti ghandhom xorta wahda iressqu prova tad-danni li allegatament inkorrew."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** Mill-assjem tal-provi jemergu s-segwenti fatti li jsawwru il-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti:

**2.** L-atturi huma propjetarji tal-fond u cioe` appartament bl-isem ta' "Des Fleurs Apartments", Dawret San Pawl, San Pawl il-Bahar kif ahjar deskritt u bid-drittjiet u pertinenzi kollha tieghu kif jirrisulta mill-Att Pubbliku tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-2 ta' Settembru 1992 (Dok A a` fol 4).

**3.** Minn naha taghha l-konvenuta kienet akkwistat l-arja li tigi fuq l-appartament numru 6 fl-istess blokk ta' appartamenti. Dan l-akkwist sar permezz ta' Att pubbliku fl-atti tan-nutar Ian Castaldi Paris tal-25 ta' Frar tal-2004 (Bok B a` fol 10). Ghalhekk il-konvenuta ghaddiet biex tizviluppa din l-arja u billi kkostruwiet appartament iehor fuq dawk esistenti.

**4.** Fl-epoka ta' din il-kostruzzjoni, l-atturi nnotaw li fil-fond taghhom bdew jixirfu xi hsarat fost ohrajn it-tqammir u tbewwieq ta' madum. Bil-konsegwenza ta' dawn is-sinjali fl-istruttura tal-appartament taghhom inkarigaw lill-Perit Godwin Abela biex jaghmel rapport tekniku dwar il-kawza ta' dan kollu.

**5.** Permezz ta' ittra indirizzata lill-Avukat Robert Mangion tal-14 ta' Gunju 2006, il-Perit Godwin Abela ikkonkluda hekk:-

> "The undersigned is of the opinion that the damages caused to the apartment block are directly related to the new construction on top of the block. The presumption was that the design of the raft foundation was such that it could safely support the apartment block as originally constructed. The additional load tilted the structure causing it to subside on the eastern end and resulting in the upheaval of Mr Azzopardi's floor. The damage done to the block is permanent and cannot be repaired by simple means." (a` fol 16). L-ittra appena citata tikkonferma dak li kien ikkonstata l-istess Perit permezz ta' ittra tat-22 ta' Dicmebru 2004 , indirizzata lill-Attur Mario Azzopardi (a` fol 23).

**6.** Minkejja korrispondenza twila bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet, ma irnexxilhomx jaslu ghal xi xorta ta' ftehim barra l-Qorti. Ghalhekk saret din il-kawza.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**7.** L-atturi qed jibbazaw il-pretensjonjiet taghhom fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel *ex nunc*. F'din ix-xorta ta' azzjoni bil-kuntrarju ghal dik kontrattwali, ma hemmx rabta obbligatorja *ex-contractu* li tirrisali ghal qabel l-ghemil tad-dannegjant li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li sofrew. L-oneru li jippruvaw in-ness bejn dan l-ghemil tal-

konvenuta u d-danni sofferti, irid jintrefa' mill-istess atturi (ara decizjoni tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe tat-3 ta' Lulju tal-2003**).

**8.** Minn naha l-ohra artiklu 1030 tal-Kodici Civili jiddisponi li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu. Ovvjament il-kelma 'qies' ghandha importanza kbira ai fini ta' applikazzjoni ta' dan l-artiklu. Qies li nsibuh fl-artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili , fejn il-ligi tispjega, li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titnissel ir-responsabbilita` ghad-danni u ghalhekk ikun mankanti il-qies li bhala kriterju ghall-ezoneru ta' responsabilita` jissemma' fl-artiklu 1030 tal-Kodici Civili fuq imsemmi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**9.** Bhala fatt importanti ghal din il-kawza, huma l-konstatazzjonijiet teknici li ghamel il-Perit Godwin Abela, kif jirrisulta mir-rapporti f'ghamla ta' ittri li ghamel dan il-Perit (supra). Izda mhux hekk biss. Jekk wiehed kellu jezamina x-xhieda ta' dan il-Perit jintebah li dan ghamel xogholu b'diligenza u reqqa kbira (ara xhieda a` fol 39 sa 49). Il-Perit Godwin Abela kien ukoll familjari mat-terren insidjuz tal-akkwata konsapevoli li fil-qrib kien hemm xi bini li kien ikkollassa.

**10.** Il-perit Godwin Abela ghalhekk wasal ghall-konkluzjoni li minhabba l-kostruzzjoni tal-konvenuta, il-pedamenti ossia “foundations” ma felhux ghall-piz u ghalhekk il-bini beda jiggenneb u jarbula, bil-konsegwenza li mhux biss l-atturi soffrew danni fil-fond taghhom izda kienet ukoll qed tkun kompromessa l-istruttura tal-binja kollha. Il-Perit Godwin Abela wasal ghall-konkluzjoni li “Il-hsara principali grat fil-foundation. Dik hija irreversibbli. Ma tista’ taghmel xejn fuqha. Hija hsara irreversibbli diment ma jsirx xi forma ta’ underpinning tal-block...” (a` fol 45).

**11.** Hija ta’ importanza partikulari x-xhieda tal-Perit David Psaila, li kien il-Perit originali tal-blokka tal-appartamenti. Jispjega, kif meta kien kellem lill-klijent tieghu, igifieri l-aventi kawza tal-atturi u tal-propjetarji ohrajn f’din il-blokka, dan kien qallu li ma kellux hsieb li jtella’ aktar sulari fuq dawk progettati (a` fol 74). Il-Perit David Psaila ikompli jirrakonta, dwar laqgha li kellu mal-Perit Tony Muscat, li kien il-perit tal-konvenuta u jispjega li:-“Meta gie l-ufficcju tieghi qalli bl-intenzjoni li jsir zvilupp fuq il-bini li kien hemm diga` esistenti; talabni naghtih il-pjanta forma, u jiena tajtu d-dizinn ta’ din il-pjanta li qed nippresenta hawn hekk id-‘DP 1’, *jiena spjegajtlu li dik kienet iddisinjata ghat-tlett sulari li kien hemm, u ma kienx hemm mahsub ghal pizijiet ohrajn”* (a` fol 81)[emfazi tal-Qorti].

**12.** Ix-xhieda tal-Perit David Psaila hija ta’ suffragju ghall-konkluzjonijiet u konstatazzjonijiet li ghamel il-Perit Godwin Abela. Sa dan l-istadju, kollox

kien jipponta lejn dawn il-konkluzjonijiet. Pero', ghalkemm il-Perit Godwin Abela jixhed li "....meta jkun hemm rotation fl-istructure dejjem tinhass iktar fil-postijiet ta' fuq iktar milli minn t'isfel, dik dejjem" (a` fol 430), is-sidien tal-appartamenti ta' fuq ma sofrew ebda hsara fil-fondi taghhom, la fil-mument li giet presentata l-kawza (ara affidavit taghhom a` fol 25 u 26) u lanqas meta snin wara, il-fondi dawn it-terzi kienu spezzjonati mill-Perit inkarigat mill-Qorti biex jirrelata teknikament dwar il-mertu.

**13.** Il-Perit Tony Muscat, li kien inkarigat mill-konvenuta biex jibni l-arja li kienet akkwistat, wera fehma differenti minn dik tal-Perit Godwin Abela u David Psaila. Huwa rilevanti dak li jghid dan il-Perit fl-Affidavit tieghu dwar il-materja (a` fol 107):

> "...meta mort ghandu (*cioe' il-perit David Psaila*) u wara li spjegajtlu l-izvillupp li kienet ser taghmel Mrs. Sammut, urini kopja tal-istruttura tal-konkos u hadid li tpogga taht il-pedament ta' dan il-blokk. Malli rajt il-hadid u t-travi li kien tefgha fil-pedamenti mill-ewwel irrejalizzajt li dawn kienu aktar minn bizzejjed biex jiehdu s-sular li riedet tibni Mrs. Sammut. Komplejt niddiskuti mal-Perit Psaila u dan qalli li ghalkemm ma ghadux responsabbli mill-bini, qabel mieghi illi l-pedamenti li kien pogga kien bizzejjed ghall-bini tad-duplex li ridna nibnu fuq il-*first floor*. Barra minn hekk fuq in-naha tax-xellug tal-istess blokk gia` kienet saret estensjoni ohra fil-livell tal-*first floor*. Nista' inzid li jien kont ultra konvint mill-pedament ta' dan il-blokk ghaliex xi ghoxrin metru 'l boghod minn

dan is-sit jien xi snin qabel kont bnejt block ta' hames sulari fuq l-istess tip ta' terren u ghalkemm kellu hafna anqas rinfors fil-pedament, dana s'issa qatt ma kellu l-ebda forma ta' hsarat strutturali".

**14.** Rinfaccjata b'dawn iz-zewg posizzjonijiet teknici ghad-direttura kontrastanti ghal xulxin, il-Qorti hasset li kellha tahtar espert taghha. Ghalhekk b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2008 gie mahtur bhala Perit tekniku tal-Qorti l-Perit Anthony Cassar biex jirrelata dwar it-talbiet attrici (a` fol 112).

**15.** Ikun opportun li qabel ma ssir referenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit tal-Qorti fir-rapport tieghu (a` fol 193), irid jinghad, li fic-cirkostanzi, is-success tal-azzjoni attrici tiddependi fuq jekk hemmx dak in-ness fattwali bejn l-ghemil tal-konvenuta u d-danni li qed jippretendu li sofrew l-atturi qua danneggjati. Kif insenjat il-**Qorti tal-Appell per Imhallef Philip Sciberras fid-decizjoni fl-ismijiet Carmel Mizzi et vs V.J. Salomone Marketing Ltd et tat-12 ta' Dicembru 2008** f'sitwazzjoni simili ghalkemm mhux preciza, ghal dik li ghandha quddiemha din il-Qorti:-

"Biex jirnexxu f'dik l-azzjoni taghhom l-atturi htiegilhom jipprovaw illi l-*causa causans* tal-hsara minnhom lamentata kienet derivanti mill-iskavar li sar. Kif inhu saput, biex wiehed "iwiegeb ghall-hsara li tigi bi htija tieghu" (Artikolu 1031, Kodici Civili) ried jigi stabbilit ness ta' kawzalita bejn xi kondotta, doluza jew kolpuza, u l-event tad-dannu. Il-Kodici Civili taghna ma jispjegax u ma jiddefinix in-"ness ta' kawzalità". B'danakollu, skond id-dottrina legali u l-

gurisprudenza, dan jizvolgi funzjoni importanti in kwantu jqieghed f'rapport qaghda ta' fatt, leziva ghad-drittijiet ta' haddiehor, u l-imputazzjoni ta' responsabilita` f'min dik il-qaghda dannuza denunzjata jkun gabha fis-sehh. L-inkombenza tal-prova ta' l-ezistenza ta' dan in-ness kawzali bejn l-attivita` ta' l-iskavar u l-event tal-hsara hi mqeghda fuq spallejn l-atturi ghaliex l-allegazzjoni qeghda ssir minnhom".

**16.** Fir-rigward ta' dan it-taghlim, ir-rapport u konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Anthony Cassar qua Perit tal-Qorti, jakkwistaw rilevanza ai fini tal-evalwazzjoni dwar l-element tan-ness kawzali kif fuq spjegat. Hawn irid jigi nnotat li minn meta l-Perit Godwin Abela kiteb l-ewwel ittra u rapport tieghu fit-22 ta' Dicembru 2004 (a` fol 23) sa meta gie presentat ir-rapport tal-perit tal-Qorti Anthony Cassar fit-12 ta' Ottubru 2009 (a` fol 193) lahqu ghaddew kwazi hames(5) snin. F'cirkostanzi simili dan il-Perit kien fil-posizzjoni vantaggjuza biex jevalwa s-sitwazzjoni sa fejn jirrigwarda l-manifestazzjoni ta' hsarat.

**17.** Il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rapport peritali, u ghalkemm kwazi l-Periti kollha f'xi hin jew iehor kienu zbaljati f'xi dettal jew kalkolu, l-konkluzjonijiet principali ta' dan ir-rapport li jincidu fuq it-talbiet attrici huma s-segwenti:-

1. Hadd mis-sidien tal-appartamenti l-ohra, barra dak tal-atturi, konsistenti fi hsarat ta' madum li tqammar, ma garrab xi hsara meta inbena l-appartament tal-konvenuta. Ghalkemm l-appartamenti li gew

spezzjonati mill-perit tal-Qorti kienu fis-sulari ta' fuq, dawn ma kellhom ebda hsara strutturali li setghet giet ikkawzata minn moviment fil-pjattaforma. Dan jikkontrasta sewwa ma' dak li kien qal il-Perit Godwin Abela, li jekk kien hemm caqliq ossia *rotation* fil-pjattaforma, din kellha tidher fil-post l-aktar gholi tal-blokka. Dan ifisser li l-assunzjoni tal-perit Godwin Abela, wara hames snin li kien kiteb l-ittra fuq imsemmija, ma avveratx ruhha. (ara xhieda tal-Perit Abela citata supra u para 6, 7 u 8 tar-rapport peritali tal-Perit Anthony Cassar a` fol 219).

2. Ma hemm ebda dubbju li meta zdied il-piz, l-istruttura giet affettwata izda mhux bilfors kompromessa. F'dan il-kaz, il-perit tal-Qorti kkonkluda, li ma hemm ebda indikazzjoni li l-isttruttura tal-pjattaforma f'Des Fleurs garrbet xi hsara bil-kostruzzjoni li ghamlet l-attrici. L-anqas l-istabbilita` taghha ma giet kompromessa.

**18.** Ghalhekk il-perit tal-Qorti wasal ghall-konkluzjoni li l-atturi ma soffrew ebda danni kawza tal-kostruzzjoni li saret mill-konvenuta.

**19.** Kwantu jirrigwarda l-adozzjoni tal-konkluzjonijiet l-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jobbligax lill-Qorti tadotta awtomatikament il-konkluzjonijiet raggunti mill-espert mahtur minnha jekk dawn immorru kontra l-konvinciment taghha. Di fatti huwa ghalhekk li l-ligi tippermetti l-eskussjoni ta' dawn l-esperti mill-partijiet fil-kawza, biex min fost ohrajn ma jaqbilx ma'

dawn il-konkluzjonijiet jipprova jikkonvinci lil min ghandu jiggudika ma jaddotahomx u jaghmilhom tieghu.

**20.** F’dan ir-rigward il-Qrati taghna jinsenjaw dan li gej:-

> “Huwa pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi “dan ma jfissirx pero’ illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunjiet li ma ghandhom ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami”. (**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine”, Appell 29 ta’ Mejju 1998**). “Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta’ tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.” (**Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca” Appell 6 t’Ottubru 1999; “John Saliba -vs- Joseph Farrugia”, Appell 19 ta’ Novembru 2001**).

**21.** Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tal-Qorti, kwantu jirrigwarda l-hames(5), sitt(6) u sebgha(7) talbiet attrici, ma ghandha ebda esitazzjoni li tadottahom u taghmilhom

taghha u cioe` li l-istabbilta` tal-istruttura tal-fond tal-atturi ma gietx kompromessa. Ghalhekk dawn it-talbiet partikulari ser ikunu qeghdin jigu michuda abbazi tal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Anthony Cassar fir-rapport tieghu.

**22.** Fejn il-Qorti ma hiex konvinta hija dwar il-hsarat li soffrew l-atturi fil-fond taghhom fil-madum ta' kamra wahda u mhux tal-fond kollu. Il-Qorti ssibha difficli li din il-hsara fil-madum okkorriet per koincidenza mal-kostruzzjoni tal-appartament tal-konvenuta (ara xhieda tal-Perit Anthony Cassar in eskussjoni a` fol 242). Wara kollox kien l-istess Perit Anthony Cassar li kkonkluda li ma hemm ebda dubbju li meta zdied il-piz, l-istruttura giet affettwata izda mhux bil-fors kompromessa (ara supra) allura xi xorta ta' caqlieq kien hemm.

**23.** Il-Perit Anthony Muscat fuq il-mistoqsija tal-Avukat Robert Mangion, illum Imhallef, jekk il-madum telax "... … qiesu gie piramida biex niftehmu" wiegeb hekk: "Ehe. Ezatt ezatt, jekk minhiex sejjer zball minghalija kien hemm xi ringiela ta' xi hmistax-il maduma telghu hekk; about 20 feet it-tul ta' din il-kamra." (a` fol 168). Dan gie ukoll konfermat minn wiehed mill-propjetarji ta' wiehed mill-appartamenti u cioe` Peter Attard (ara xhieda tieghu a` fol 84 sa 87). Il-Qorti issibha difficli biex tasal ghall-konkluzjoni li dan kien b'koincidenza kif stqarr il-Perit Anthony Cassar.

**24.** F'dan ir-rigward hija importanti x-xhieda ta' Anthony Fenech, ta' Francesco Fenech Ltd, li kien inkarigat mill-perit tal-konvenuta biex jirrimedja xi hsara fil-madum:-

> "Ghalhekk fit-tieni gimgha ta' Awwissu jien bghatt haddiem minn tieghi biex isewwi l-madum. Infatti barra li rrangajna l-madum li kien tqammar; fuq struzzjonijiet tas-Sinjuri Azzopardi, sewwejna wkoll xi madum li kien iccaqlaq qabel. Wara li sewwejna kif stajna l-istess madum, offrejnilhom biex jigu l-fabbrika taghna, u jaghzlu madum simili biex tinbidel il-kamra kollha.
>
> Is-Sinjuri Azzopardi, gew xi darbtejn jaraw il-madum fix-showroom taghna, pero' ma ghazlux madum tal-istess stil bhal dak li garrab il-hsara, li kien jiswa madwar Lm3.50 il-metru kwadru, izda riedu jiehdu madum li bejn wiehed u l-iehor jiswa Lm15.00 il-metru. Barra minn hekk, sostnew li riedu jibdlu mhux biss il-madum tal-living room, fejn grat il-hsara, imma ukoll il-madum tal-kcina, u ta' kamra tas-sodda." (ara affidavit a` fol 182).

**25.** Mix-xhieda ta' dan ix-xhud jemergu zewg affarijiet. Li xi hsara kien ghad fadal, tant li ried jinbidel il-madum kollu tal-living room, anke jekk ix-xhud ighid li kienu ser jibdlu madum li sarlu xi hsara qabel. Il-Qorti ma hiex konvinta li anke l-hsara f'dan il-madum ma kienitx relatata max-xogholijiet li ghamlet il-konevnuta u l-atturi bhal donnhom provaw jahtfu l-okkazjoni biex mis-seba' jiehdu l-id. Ghalhekk fil-likwidazzzjoni tad-danni sofferti mill-atturi ser tiehu dawn iz-zewg fatturi in konsiderazzjoni.

**26.** Hadd mill-partijiet ma gab prova ta' kwantifikazzjoni tal-hsara u danni. Ghalhekk din il-Qorti qeghdha *arbitrio boni viri* tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fil-*living room* tal-appartament taghhom fl-ammont ta' elf Ewro (€1000).

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici;

**Tilqa'** t-tieni talba attrici;

**Tilqa'** t-tielet talba attrici u tillikwida danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf Ewro (€1000) ghar-ragunijiet fuq spjegati u limitatament ghall-hsara fil-madum tal-*living room* tal-appartament taghhom mertu tal-kawza;

**Tilqa'** r-raba' talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf Ewro (€1000) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv;

**Tichad** fit-totalita` taghhom il-hames, is-sitt u s-sebgha talbiet attrici.

L-**ispejjes** tal-kawza ghandhom jinqasmu hekk: kwantu dawk li jirrigwardaw l-ewwel erbgha talbiet ikunu a` karigu tal-konvenuta. Kwantu dawk tal-ahhar tlett talbiet ikunu a` karigu tal-atturi.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**